**57. Il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jipproponi illi:-**

Il-Kamra tar-Rappreżentanti

Meta tikkonsidra li Malta qed tadotta r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-*International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas* bħala membru tal-*General Fisheries Commission for the Mediterranean* u li kienet osservatur diliġenti ta' l-*International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas* għal numru ta' snin.

Meta tikkonsidra li meta tirratifika din il-Konvenzjoni, Malta tissieħeb ma' 34 pajjiż li diġa rratifikaw din il-Konvenzjoni u għalhekk tkun iffurmat parti mill-komunita' internazzjonali li esprimit il-volonta' favur il-koservazzjoni tal-ħut pelaġiku kbir.

Meta tikkonsidra Artiklu 3 (2b) ta' l-Att tar-Ratifikazzjoni tat-Trattati, Kapitlu 304 tad-9 ta' Marzu 1983.

Tirrisolvi li tintrabat mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn fl-Atlantiku li saret f'Rio de Janeiro fl-14 ta' Mejju 1966 u mgħoddija lid-Direttur Ġenerali tal-*Food and Agriculture Organisation* kif miftiehem fil-Protocol ta' Pariġi ta' l-10 ta' Lulju 1984.

23.6.03